**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Jannar, 2001**

**Numru 36**

**Avviz. numru 417/00JR**

**Pro Info Ltd.**

**vs**

**Arcidiacono MFG Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Marzu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) rapprezentanti prezz ta' "avviz/advert" li gie ppublikat mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta fl-14 ta' Marzu, 1999, fil-More Magazine" bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fit-30 ta' Marzu, 2000, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ftehim li kien sar bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta kien li kellhom jigu pubblikati tlett (3) adverts/avvizi konsekuttivi fil-"More Magazine", u dan fil-fatt ma sarx mis-socjeta` attrici. Ghalhekk l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) mhuwiex dovut mis-socjeta` konvenuta, kif ser jidher ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u f'kull kaz l-azzjoni attrici hija intempestiva billi hija ghadha ma wettqitx l-obbligi kollha minnha assunti.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Chris Cilia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont huwa dovut kif indikat fl-avviz. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma tellghetx provi in sostenn ta' l-eccezzjonijiet sollevati. Ha in kunsiderazzjonui ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Illi jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont imsemmi fl-avviz ghadu dovut ghar-ragunijiet hemm premessi, u ma ngiebu ebda provi fil-kuntrarju da parti tas-socjeta` konvenuta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-13 ta’ Marzu, 2000.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**

**Gudikatur**